TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 37/11

**Paul Mifsud**

**vs**

**J P Scicluna**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti vjaġġ ossia vaganza illi kien hemm diversi nuqqasijiet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ibbukja vjaġġ li kienet se tkun avventura indimentikabli iżda hu lmenta li kellhom jivvjaġġaw għal ħinijiet twal ġo coach żgħira. Illi kellhom imorru xi mini tal-melħ u ma marrux, illi s-sewwieqa ma tantx kienu professjonali, illi darba minnhom kielu hotdogs u darb'oħra kielu ħobż u għalhekk qed jippretendi xi ammont ta' rifużjoni għal dak li ħallas.

L-intimat issottometta illi marru kullimkien fejn kienu mwiegħdin. Kien hemm ħafna affarijiet fejn jaraw u għalhekk kien hemm ħafna vjaġġar. L-unika ħaġa li ma rawx kienu l-mini tal-melħ u li kien hemm tour leader magħhom il-ħin kollu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li r-rikorrenti għal dak li ħallas għalih, kważi nqeda b'kollox, fis-sens illi għalkemm kien hemm ħafna vjaġġar barra minn Malta wieħed jippretendi li d-distanzi huma twal.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' sebgħin ewro (€70), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**